

Brussell, 3 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14801/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0334 (NLE)**

**CLIMA 493
ENV 1137
ENER 566
TRANS 508
ECOFIN 1449
COMPET 1090
IND 469
MI 850
AELE 99
CH 52**

PROPOSTA

| | |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 31 ta' Ottubru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 657 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieñed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I tal-Ftehim |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 657 final.

Mehmuż: COM(2025) 657 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2025
COM(2025) 657 final

2025/0334 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I tal-Ftehim

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward li jiġi emendat l-Annessi I tal-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jikkollega l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom¹ ("il-Ftehim") jorbot l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet tal-UE (EU ETS) mal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Iżvizzera billi jippermetti li l-kwoti f'skema waħda jiġu nnegożjati u jintużaw għall-finijiet ta' konformità fl-iskema l-oħra. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 12 tal-Ftehim, għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni tiegħu. Jista' wkoll jiddeċiedi li jadotta annessi ġodda tal-Ftehim, jew jemenda dawk eżistenti.

L-Artikolu 13(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jadotta Anness ġdid jew li jemenda Anness eżistenti tal-Ftehim.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Waqt it-tmien laqgħa, li se sir fl-2025, jew aktar kmieni permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Kongunt², il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni fir-rigward tal-emendi tal-Anness I tal-Ftehim ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jallinja l-kriterji essenzjali stabbiliti fl-Anness I tal-leġiżlazzjoni aġġornata kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-Konfederazzjoni Żvizzera.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim. Barra minn hekk, u f'konformità mal-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat Konġunt fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim se jkunu vinkolanti fuq il-Partijiet mad-dħul fis-seħħ tagħhom.

¹ ĠU L 322, 7.12.2017, p 3.

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kollegament tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom tal-25 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/clima/system/files/2021-07/20191201_jc_dec_rop_en.pdf u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018, ĠU L 239, 24.9.2018, p. 8.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq din il-proposta mill-Kummissjoni tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fuq id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li għandha tittieħed fuq l-emendar tal-Anness I.

L-emendi għall-Anness I tal-Ftehim qed isiru meħtieġa fid-dawl tal-bidliet fl-ambjent regolatorju li evolwew kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fl-Iżvizzera mindu sarui l-aħħar emendi għad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Kongunt³. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw bidliet⁴ fid-Direttiva 2003/87/KE⁵ bil-ħsieb li jiddeterminaw kontribut xieraq tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030 stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Dawn il-bidliet għandhom jiġu riflessi fl-Anness I tal-Ftehim biex jinżammu l-kompatibbiltà u l-integrità tas-suq tas-sistemi konnessi, tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni kif ukoll tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju mis-sistemi konnessi.

Fil-Parti A (installazzjonijiet stazzjonarji) tal-Anness I, il-bidliet rilevanti għat-test tal-kolonna tal-UE li hija maħsuba biex turi l-konformità mal-kriterji essenzjali wara l-adozzjoni tal-verżjoni riveduta tad-Direttiva 2003/87/KE⁷ jikkonċernaw prinċipalment l-adattamenti editorjali fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tat-testi legali rilevanti min-naħa tal-UE (emendi għall-kriterji essenzjali nru 2, 3, 6, 10, 11, 12, 13) u aġġornamenti tar-referenzi legali (emendi għall-kriterji essenzjali nru 5 u 10). It-test tal-kriterju 4 biss ġie emendat bil-ħsieb li jirrappreżenta l-eżitu tad-Direttiva 2003/87/KE⁸ riveduta fiż-żewġ kolonni tal-UE u l-Iżvizzera. L-emendi l-oħra kollha għall-kolonna tal-Iżvizzera fil-Parti A tal-Anness I huma adattamenti editorjali fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tat-testi legali rilevanti.

Fir-rigward tal-Parti B (operaturi tal-avjazzjoni) tal-Anness I, il-konformità tat-test fil-kolonna tal-UE mal-kriterji essenzjali teħtieġ bidliet fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti (il-kriterji 12 u 14) u, barra minn hekk, l-aġġornament tar-referenzi legali (il-kriterji 2, 4, 5 u 7). Barra minn hekk, it-test tal-kriterji 4, 11 u 12 fil-kolonna tal-UE ġie aġġustat biex juri b'mod korrett l-eżitu tar-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE⁹. Għall-istess raġuni, it-titolu tal-kriterji essenzjali 8 inbidel u t-test fil-kolonna tal-UE ġie aġġustat kif xieraq. Dan jgħodd ukoll għall-kriterju 6, fejn il-kolonni tal-UE u l-Iżvizzera ġew amalgamati u ġie introdott test komuni.

³ ĠU L tal-25.1.2024, 2024/301, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/301/oj>

⁴ Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq, ĠU L 130 tas-16.5.2023, p. 115, u d-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, ĠU L 130 tas-16.5.2023, p.134

⁵ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

⁷ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE

⁸ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 4

⁹ Ibid.

Fil-kolonna Żvizzera tal-Parti B, il-bidliet editorjali fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni Żvizzera rilevanti saru meħtieġa għall-kriterji essenzjali 2, 5, 13, 14 u 15. Dan japplika wkoll għall-kriterji 4, 8 u 12, li, barra minn hekk, juru aġġornament tar-referenza legali. Barra minn hekk, bħal fil-kolonna tal-UE, it-testi tal-kriterji 4, 7 u 11 tal-kolonna Żvizzera ġew aġġustati biex jirriflettu l-approċċ deskritt fil-kolonna tal-UE.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

Il-Kumitat Konġunt huwa korp li ġie mwaqqaf bl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta huwa att b’effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 12(3) tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma marbuta mal-ambjent.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFEU flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Anness I tal-Ftehim, jixraq li dan jiġi ppubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I tal-Ftehim

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li għandhom, mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet.
- (3) L-Artikolu 13(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim.
- (4) Huwa xieraq li terġa' tinkiseb il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli għall-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Konfederazzjoni Żvizzera wara r-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² permezz tad-Direttivi (UE) 2023/958³ u 2023/959⁴.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 tat-23 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 43 tas-16.2.2018, p. 1).

² Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32., u

³ Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 130).

- (5) Il-Kumitat Konġunt, waqt it-tmien laqgħa tiegħu, jew aktar kmieni permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, mistenni jadotta Deċiżjoni li temenda l-Anness I tal-Ftehim. Dik id-Deċiżjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-emenda tal-Anness I tal-Ftehim.
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż sabiex jinżammu l-kompatibbiltà u l-integrità tas-suq taż-żewġ sistemi konnessi u biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-sitt laqgħa tal-Kumitat Konġunt jew qabel permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, fir-rigward tal-emenda tal-Anness I tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr ebda deċiżjoni oħra tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President